MALTA RESOURCES AUTHORITY

STQARRIJA MILL-AWTORITÀ TA’ MALTA DWAR IR-RIŻORSI (MRA)

## Se toħroġ mill-ġdid is-sejħa għall-pannelli fotovoltajċi, biex il-konsumatur igawdi aktar il-vantaggi tal-iskema

L-Awtorità ta’ Malta dwar ir-Riżorsi (MRA), tinforma lill-pubbliku li, b’effett mil-lum 30 t’April 2010, qed jitwaqqaf il-proċess tal-ewwel sejħa tal-Iskema li tinċentiva l-investiment f’pannelli fotovoltajiċi.

**Irid jiġi enfasizzat li din it-tħabbira ma tapplikax għas-sejħa li kien hemm fuq għajnuna għal xiri ta’ *solar water heaters,* liema skema għadha miftuħa.**

Id-deċiżjoni biex il-proċess jitwaqqaf b’mod prematur saret wara li tul il-proċess ta’ verifika li kien qed isir mill-MRA, irriżultaw inkonsistenzi f’diversi applikazzjonijiet. Dawn l-inkonsistenzi jinkludu fost oħrajn prezzijiet differenti għall-istess sistemi ta’ panelli fotovoltajiċi. L-MRA u l-awtoritajiet Maltin għandhom obbligu li jiżguraw li l-konsumaturi jgawdu direttament mill-iskema u li l-fondi qed jintefqu b’mod ġust biex igawdu l-akbar ammont possibbli ta’ benefiċċjarji li huma sidien tad-djar fejn se jitwaħħal l-apparat. B’hekk, f’dan il-kuntest, l-MRA se tkun qed tagħmel xi bidliet fl-applikazzjoni ta’ sejħiet futuri fl-aħjar interess tal-konsumaturi Maltin u Għawdxin.

Fi sforz biex ikun hemm l-anqas inkonvenjent possibbli fuq il-benefiċjarji, l-MRA tinforma lill-pubbliku li se tinħareġ sejħa ġdida **bl-istess livell ta’ għajnuna,** fl-aħħar ġimgħa ta’ Ġunju fejn se jkunu qed jintlaqgħu applikazzjonijiet ġodda. L-applikazzjonijiet se jintlaqgħu fuq perjodu ta’ ġimgħatejn biex tagħmilha aktar faċli għall-applikanti. Taħt l-iskema, residenti jistgħu japplikaw għal għajnuna ta’ 50 fil-mija, sa’ massimu ta’ €3,000, fuq xiri ta’ pannelli fotovoltajiċi li jitpoġġew fuq djar f’Malta u Għawdex.

Fid-dawl tal-interess qawwi li hemm bħalissa għall-installazzjoni ta’ pannelli fotovoltajċi, il-Gvern se jalloka ammont ikbar ta’ flus mis-sejħa li qed titwaqqaf sabiex jissodisfa d-domanda kollha li jkun hemm.

**L-MRA tinforma lil dawk il-persuni li diġà għandhom f’idejhom *grant offer* taħt l-ewwel sejħa, li se jingħataw l-opportunità li jerġgħu japplikaw u se jingħataw preferenza meta jinfetħu l-applikazzjonijiet il-ġodda.** F’dawn il-jiem l-MRA se tkun qed tibgħat ittra lil kull min applika u nħarġitlu l-*grant offer* taħt l-ewwel sejħa tal-2010 biex tiżgura li kull applikant huwa nfurmat b’dawn l-iżvilluppi.

*Malta Resources Authority, Millennia, Aldo Moro Road, Marsa MRS 9065, Malta.*
*Tel: +356 21220619; Fax: +356 22955200 E-mail: enquiry@mra.org.mt*

Filwaqt li tapoloġizza għal kull inkonvenjent ikkawżat minn dan it-twaqqif, l-MRA ttenni l-impenn tagħha li tara li l-proċess ikun wieħed li jiffavorixxi dejjem aktar lill-applikant/ konsumatur u dan sabiex il-poplu Malti u Għawdxi jkun f'qagħda li jieħu l-aqwa benefiċċji minn dawn il-fondi.

Se jkun hemm ukoll linja tat-telefon apposta fejn wieħed jista' jċempel għal aktar informazzjoni u kjarifiki.  In-numru huwa 22955209. u l-linja topera bejn id-9am u s-1pm.

*Malta Resources Authority, Millennia, Aldo Moro Road, Marsa MRS 9065, Malta.*
*Tel: +356 21220619; Fax: +356 22955200 E-mail:  enquiry@mra.org.mt*